MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru. 1045/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**John Borg**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 123061(M).

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Settembru 2011, f'xi hin bejn 13:00hrs u 13:45hrs waqt li kien qieghed fi Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, Birkirkara u fil-vicinanzi
1. Ikkommetta serq ta' 2 Dream Box Decoders u diary minn vettura tal-ghamla Toyota, bin-numru tar-registrazzjoni HBF353, liema oggetti l-valur taghhom jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin

centezmu (€232.94) izda li hu ta' anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha tletin centezmu (€2,329.37) liema serq hu kwalifikat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta haga ta' misruqa u dan ghad-dannu ta' Edward Zammit.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbili jew immobbli, liema hsara taqbez mija u sittax-il Eruo u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), izda mhux l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.49) u li saret ghad-dannu ta' Edward Zammit u jew persuni ohra.

4. U aktar talli nhar il-15 ta' Awwissu 2011, f'xi hin bejn 4.00 p.m. u 10.30 p.m. waqt li kien qieghed fi Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara, ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha 80, bil-kulur ahmar, bin-numru tar-registrazzjoni FAU 059, li valur tieghu jaqbez mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.94) izda li ma jaqbizx l-elfejn tleit mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-valur, u xorta tal-haga misruq u dan ghad-dannu ta' Joseph Tonna u/jew persuna/i ohra.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gewwa dawn il-gzejjer saq mutur tal-ghamla Yamaha 80, ta' kulur ahmar, bin-numru tar-registrazzjoni FAU 059, minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju ta' terzi persuni (Sec. 3(1) (Ch. 104).

6. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi fi bnadi differenti saq mutur tal-ghamla Yamaha 80, ta' kulur ahmar, bin-numru tar-registrazzjoni FAU 059, minghajr ma kien kopert b'licenzja mahruga mill-awtorita` kompetenti. Il-prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi

skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan, ghall-perjodu ta’ mhux anqas minn tnax-il xahar.

7. U aktar talli kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi tlett snin, b’sentenza moghtija nhar id-9 ta’ Awwissu 2011, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

8. U aktar rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti ta’ Malta, li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih izda wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha huwa wiegeb li mhux hati.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat John Borg huwa akkuzat illi fost l-ohrajn huwa ghamel diversi serqiet f’perjodi partikolari, izda huwa akkuzat ukoll illi huwa recidiv ai fini tal-Artikoli 49 u 50.

Illi dak li pprejokkupat lill-Qorti fuq dan il-kaz hu illi l-fedina tal-imputat kienet wahda ampja hafna b’diversi reati fosthom ta’ reat serju hafna li ghalih l-imputat kien ghadda guri u kien gie kkundannat ghal diversi snin habs.

Illi dan qed jinghad ghaliex id-difiza tieghu minn dejjem irragunat illi l-imputat illum il-gurnata huwa ragel differenti u li wara diversi snin ta’ habs huwa jixtieq jirriforma ruhhu. Ir-reat li wettaq l-imputat mertu ta’ dawn l-akkuzi kien frott tal-intolleranza tas-socjeta` fejn huwa ma setax isib xoghol u frott ukoll tal-vizzju tal-alkohol illi huwa kellu.

Illi a rigward il-mertu ta’ dan il-kaz, ftit li xejn ghandu x’jinghad u dan ghaliex sija fl-istqarrija u anke mill-provi l-ohra prodotti mill-prosekuzzjoni, dawn gew ampjament ippruvati tant li hemm ammissjoni kompleta minn naha tal-imputat fl-istqarrija tieghu.

Illi tul il-kaz quddiemha din il-Qorti kellha l-okkazzjoni illi taghti prova lill-imputat billi meta akkordatlu il-helsien mill-arrest fis-seduta tat-30 ta’ Settembru 2011, flimkien mal-assistenza ta’ Probation Officer, huwa pprova li hu kapaci li jahdem il-quddiem sabiex jibda hajja gdida il-boghod minn kull vizzju.

Fil-fatt il-Probation Officer tieghu hekk imqabbad Gordon Grech fil-fatt xehed bil-gurament fejn spjega li huwa kien ilu jsegwih minn ftit qabel dan il-kaz. Huwa spjega illi l-atteggament tal-imputat tul dan il-perjodu kien wiehed tajjeb tant li anke l-kampjuni tal-urina kienu qed ikunu dejjem nodfa. Huwa xehed ukoll illi kien qed icekcek xi xoghol l’hemm u l’hawn izda l-ghan tieghu kienet li jsegwi skema tal-ETC fejn ihallsuh sabiex jghin u jiehu hsieb lill-ommu anzjana liema effettivament ommu tinsab fi bzonn ta’ din l-ghajnuna. Finalment, il-Probation Officer informa lill-Qorti li l-imputat qieghed prezentement Dar l-Impenn fejn huwa qed jitnaddaf mid-droga biex wara jimxi ghal Dar iz-Zernieq fejn bi hsiebu jitnaddaf mill-alkohol.

Illi ghal dan il-ghan din il-Qorti ma thossx li ghandha tinterrompi dan il-process pozittiv li ghamel l-imputat biex timponilu habs effettiv minhabba l-fatt li hu recidiv.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 49, 50, 263, 267, 271, 325 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 qed issib lill-imputat John Borg hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ghal dak li jirrigwardja s-seba’ (7) akkuza tikkundannah ghal multa ta’ erbghin euro (EUR40) u ghal dak li jirrigwardja l-kumplament tal-akkuzi u stante illi l-akkuzi tnejn (2) u tlieta (3) huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza u stante illi l-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi huma assorbiti fir-raba’ (4) akkuza, tikkundanna lill-imputat jissottometti ruhu ghal probation order ghal zmien

tlett (3) snin, li f’dan il-perijodu l-imputat ghandu jitnaddaf kompletament mill-vizzju tad-droga u alkohol.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja ta’ Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------